MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Numru 678/1999

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
vs
Victor Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-20 ta’ Awissu 1999, f’xi hin bejn l-10.00 a.m. u l-4.00 p.m. fuq il-bahar fil-vicinanzi ta’ terminal 2 tal-Freeport, fl-inhawi ta’ B’Bugia u tal-vicinanzi, waqt li kien qed jagixxi bhala “Master” tat-“Tug Boat” “Mari”, propjeta tal-kumpanija “Tug Malta”, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz (sezzjoni 95 Kap. 9);

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabbad armi ohra kontra n-nies (sezzjoni 339 (b) tal-Kap. 9);

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurja, iddejjaq, jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor (sezzjoni 339 (d) tal-Kap. 9);

Talli fl-istess jum, hin lok u cirkustanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmi banda ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (sezzjoni 339 (e) tal-Kap. 9);

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi xjentement fixkel lill-Ufficjali tal-Awtorita fil-qadi ta' dmirijiethom taht l-Att tal-Awtorita Marittima ta' Malta, jew lil xi persuni fit-twettiq ta' xi ghemil li kienu awtorizzati jaghmlu mill-Awtorita (sezzjoni 70 tal-Att 17 tan-1991, dwar l-Awtorita Marittima ta' Malta);

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi, naqas li jhares xi direttiva moghtija mill-Awtorita fl-ezercizzju tas-setghat taghha, taht l-Att tal-Awtorita Marittima ta' Malta, jew naqas li jhares xi dispozizzjoni tal-istess Att, jew ta' xi regolamenti maghmula tahtu (sezzjoni 78 tal-Att 17 tan-1991 dwar l-Awtorita Marittima ta' Malta);

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Frar, 2005.

Rat ukoll in-Nota ta' l-Avukat Generali u tal-imputat li biha ai termini tal-Artikolu 453 (a) (1) u 453 (a) (2) tal-Kodici Kriminali iddikjaraw li qeghdin jaqblu u umilment talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni ta' parti tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun probation order fit-termini tal-Kapitolu 446 ghall-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 95, 339 (1) (b), 339 (1) (d), 339 (1) (e), is-Sezzjoni 70 tal-Att 17 tal-1991 dwar l-Awtorita Marittima ta' Malta, u is-Sezzjoni 78 ta' l-Att 17 tal-1991 dwar l-Awtorita Marittima ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena in-Nota imsemmija tal-Avukat Generali u tal-imputat, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul din l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali netta hlief ghal zewg kontravenzjonijiet tar-Regolamenti tat-Traffiku.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u ghalhekk, wara illi rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda taghmel ordni ta' probation, li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bl-effetti ta' din l-ordni tal-probation u bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara wkoll illi qeghda minnufih taghti kopji ta' din l-ordni ta' probation lill-hati, kif ukoll lid-Direttur responsabbli ghas-Servizzi ta' Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------